KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 47/7/194/18

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 47

*L-Erbgħa 18 ta' Lulju, 2018*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar L-Erbgħa 18 ta' Lulju. Il-laqgħa bdiet fil-5.35pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku*<br>Roderick Spiteri-*Kunsillier*<br>Bernard Sean Lynch-*Kunsillier*<br>Nicholas Seychell-*Kunsillier*<br>Ivan Bartolo-*Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija**<br>(Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Steven Axisa- *Vici Sindku*<br>Tyrone Muscat-*Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

## 1. Qari tal-ittri ta' apoloġija

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Viċi Sindku Axisa, u l-Kunsillier Muscat talbu biex ikunu skużati minħabba impenji ta' xogħol. Il-membri aċċettaw dawn l-apoloġiji u qablu li l-membri ikunu skużati.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Il-Minuti nr.46 ġew approvati *nem com.*

2.2. Il-Kunsillier Lynch staqsa kif marret l-attività imsemmija f'punt 3.4. Is-Sindku u l-Kunsillier Spiteri li kienu preżenti fir-*roadshow* tat-Tazza tad-Dinja, saħqu kemm din l-attività kienet waħda ta' suċċess b'attendenza tassew pożittiva.

## 3. Korrispondenza

3.1. Ittra mingħand il-Kummissjoni Elettorali fejn qed tikkonferma illi ingħata b'mod uffiċjali l-isem ta' Vjal Kristu Re lil parti ta' fuq ta' Triq il-Belt Valletta kif ukoll ġew sanzjonati Triq il-Baċir u Triq Moll is-Shipwrights.

3.2. Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali b'rabta mal-iskema ta' finanzjament tal-Libreriji. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu japplika bil-massimu jiġifieri €600 u issir diskussjoni mal-librara u l-Malta Libraries sabiex wieħed jara xi ħtiġijiet hemm ta' proġetti.

## 4. *Offerti*

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lil membri ir-rapport ta' Evalwazzjoni b'rabta mal-offerta bl-isem TENDER FOR THE PROVISION OF PROJECT MANAGEMENT AND COORDINATION SERVICES TO THE PAOLA LOCAL COUNCIL. Il-membri approvaw ir-rapport ta' evalwazzjoni kif anness mal-minuti.

## 5. Festa Kristu Re

5.1. Is-Sindku informa lil membri illi sfortunatament din is-sena huma ma kienx mistieden sabiex jattendi għal-laqgħa ta' qabel il-festa li issir mal-Pulizija u l-għaqdiet. Għaldaqstant huwa kompla billi qal li kellha tissejjaħ laqgħa immedjata fil-kunsill għall-partijiet konċernati sabiex ikun iċċarat kif u fejn ser jarmaw il-gabbani u jitqiegħdu l-imwejjed u siġġijiet.

5.2. Is-Sindku fakkar illi f'laqgħat preċedenti il-Kunsill kien qabel li l-gabbani jarmaw fi Triq il-Knisja sakemm ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-għaqdiet li jarmaw però kien hemm oġġezzjoni sħiħa mill-għaqda li tarma din it-triq. Għaldaqstant is-Sindku kompla billi fid-dawl ta' dan kellu jinstab post ulterjuri fejn dawn il-gabbani jistgħu jarmaw liema post ikun fil-Pjazza innifisha u Vjal Kristu Re in-naħa tal-għassa. Is-Sindku saħaq illi din ma kienitx l-aħjar soluzzjoni però jidher li fil-limitazzjonijiet li hemm ma hemmx soluzzjoni oħra. Il-membri qablu li isir kif propost mis-Sindku fid-dawl li anke l-għaqdiet konċernati kienu infurmati b'dan.

## 6. Jum Paola

6.1. Il-Kunsillier Lynch qal li beda ix-xogħol fuq l-attivita' ta' Jum Paola li hija ppjanata li issir lejn Settembru/Ottubru. Il-Kunsillier Lynch qal li din is-sena il-Kunsill għandu jagħti Ġieħ Paola lil kuntistabbli Simon Schembri fid-dawl ta' dak li għadda minnu fix-xhur li ġejjin. Huwa kompla li hemm ħsieb sabiex l-unur ta' Ġieħ Paola għandu ikun magħmul minn midalja li tintlibes simili għal-Ġieħ ir-Repubblika.

6.2. Il-Kunsillier Lynch kompla illi fid-dawl tal-fatt li hemm il-ħsieb li jingħata Ġieħ Paola lil kuntistabbli Schembri, ikun xieraq li tkun mistiedna l-Banda tal-Pulizija biex tagħmel kunċert fil-Pjazza. Il-membri qablu mal-ħsibijiet preżentati.

## 7. Komunikazzjoni mis-Sindku

7.1. Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie mitlub mill-Kumitat tal-Festa ta' Kristu Re biex jiffinanzja trasport għall-quddies tal-festa tal-anzjani. Il-membri qablu li dan mhux possibbli fid-dawl li dan jista' jitqies bħala donazzjoni u mhux marbut ma attività tal-Kunsill.

7.2. Dwar il-proġetti u x-xogħolijiet tal-Kunsill is-Sindku qal li dawn għadom ma bdewx fid-dawl li l-kuntrattur impenjat fil-proġett tal-Pjazza u x-xogħol għandu jibda kif jintemm il-proġett tal-pjazza.

7.3. Dwar il-proġett ta' Ġnien Lorry Sant is-Sindku qal li tkompla ix-xogħol tad-dawl u issa ser isir xogħol fuq ir-restawr tal-ħitan.

## 8. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

8.1. Il-Kunsillier Ivan Bartolo qal li hekk kif jintemm il-proġett tal-Pjazza għandu isir ħsieb mill-Kunsill sabiex isir xi monument fl-ispazji vojta li fadal li jfakkar l-istorja tal-lokalita u b'hekk ikun hemm l-intervent tal-Kunsill fil-proġett innifsu. Dan jista' ikun wkoll iffinanzjat minn kumpaniji kbar li bdew joperaw mil-lokalita.

## 9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

9.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 47 għas-somma ta' €29,833.64.

## 10. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6.50pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 29 ta' Awissu 2018.

10.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 29 ta' Awissu 2018.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |